L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 29 ta' April 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**TAQSIMA A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA**

**A1. Il-qari**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Għanja Maltija għal-lum**

Fil-ħajja mgħaġġla tal-lum, il-mezzi tal-komunikazzjoni bis-smigħ qegħdin joffru alternattiva u kompetizzjoni għall-qari. Għal bosta persuni, l-għanja li jisimgħu mir-radju aktarx li hija l-forma waħdanija tal-arti tal-kelma li jiġu f'kuntatt magħha kuljum. Dan jgħodd iktar u iktar fil-każ tal-poplu tagħna li, kif nafu, ma tantx iħobb jaqra. Terġa', il-mużika qed tinvadi dejjem iktar is-sigħat liberi tal-ġenerazzjoni żagħżugħa. Din is-sitwazzjoni ġdida għandha tħajjar lill-artisti u lill-edukaturi Maltin biex huma wkoll iduru għal mezzi bħall-għanja, biex iwasslu l-messaġġ tagħhom lil għadd dejjem ikbar ta' semmiegħa. (par. 1)

F'pajjiżna, l-għanja Maltija għadha ma rċevietx l-attenzjoni li tixirqilha, x'aktarx għax bosta jgħaġġlu jgħodduha bħala forma artistika inferjuri. Bħala għamla ta' letteratura, l-għanja għandha l-funzjoni li tikkomunika mal-kotra u tgħinha tasal tagħraf lilha nfisha b'mod kollettiv. (par. 2)

L-għanja Maltija hija dik li tinterpreta l-ħajja ta' niesna f'xi wieħed mill-aspetti tagħha: il-problemi, il-gosti, ix-xewqat u l-biżgħat, il-mentalità, id-drawwiet tagħna; fi kliem qasir, l-ambjent soċjokulturali tal-poplu Malti. Għalhekk, anke meta titkellem fuq temi ġenerali, bħall-imħabba u n-natura, tkun qed tinterpretahom mit-tiġrib ta' Malti u b'sensibilità u idjoma Maltija. F'dan is-sens il-qofol tal-argument tagħha huwa dejjem il-poplu Malti issa u hawnhekk u, direttament jew indirettament, tgħaddi kumment konxju u kritiku fuq il-mod li bih ngħixu. Hija djalogu kunfidenzjali bejn il-kompożituri/awturi u s-semmiegħa bħala Maltin, li fih il-lingwa Maltija ssir strument tal-arti. (par. 3)

Din it-tip ta' għanja, ħajja u ġenwina, insibuha fil-popli li huma konxji minnhom infushom, li għarfu l-identità nazzjonali tagħhom. Hija għandha sehem importanti fil-formazzjoni u l-bdil tal-ideat fost iċ-ċittadini, tant li mhux l-ewwel darba li saret għodda u simbolu tal-poter demokratiku f'idejn il-poplu f'mumenti ta' kriżi. F'Malta, madankollu, fejn bosta jgħoddu l-arti inġenerali bħala kapriċċ u mezz ta' aljenazzjoni mir-realtà tal-ħajja flok mera u interpretazzjoni tagħha, l-għanja għadha titqies bħala ħaġa frivola, melodija ħelwa li filgħaxija sserrħek u tnessik it-toqol tal-ġurnata, u timla l-ispazji twal ta' silenzju intern. (par. 4)

*(Adattata minn "Għanja Maltija għal-lum" ta' Manwel Mifsud, Leħen il-Malti, Għadd 24, 1990.)*

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Ikteb l-ittra tal-istqarrija t-tajba: (2)
   a. L-għanja Maltija trid bilfors titkellem dwar il-gżejjer Maltin.
   b. Għanja b'lingwa barranija li titkellem dwar Malta hija wkoll għanja Maltija.
   ċ. Biex għanja tkun Maltija trid tikkummenta dwar l-aspetti kollha tal-ħajja f'Malta.
   d. Jekk l-għanja tkun riflessjoni dwar il-poplu Malti u l-qagħdiet tiegħu, tkun għanja Maltija.

2. Qassar it-test li għadek kemm qrajt f'paragrafu **WIEĦED** ta' **bejn 80 u 90 kelma**. Ikteb fi kliemek u uża t-tielet persuna fil-perfett. (5)

3. Taħseb li l-għanja Maltija qiegħda tintuża biex iġġib bidla fil-mentalità? Għaliex? (3)

**A2. Il-kitba prattika**

Immaġina li inti parti mit-tim li qed itella' l-ewwel edizzjoni ta' "MaltGħanja" bil-għan li jkun hemm lok li fih tixxandar l-għanja Maltija. Ikteb artiklu qasir ta' **bejn 100 u 150 kelma** li permezz tiegħu tagħti dewqa lill-pubbliku ta' x'se jkun hemm u l-għanijiet wara dan l-ispettaklu. (10)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-LINGWISTIKA**

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet.**

1. Bosta drabi l-lingwi jissellfu xi kliem minn ilsna oħra. Iddiskuti s-self lingwistiku fil-Malti f'kitba ta' **bejn 80 u 100 kelma**. Saħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji. (6)

2. Il-Malti xorob minn għejun lingwistiċi differenti u dan jidher, fost l-oħrajn, fil-binja tal-kliem fil-Malti. F'kitba ta' **bejn 300 u 350 kelma** ddiskuti kif il-Malti adotta mekkaniżmi morfoloġiċi sew mis-Semitiku kif ukoll mir-Rumanz u mill-Ingliż. (15)

**(Total: 21 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Skont Immanuel Mifsud, "ħafna drabi l-mara tieħu (jew aħjar tingħata) attitudni passiva li twassalha biex tinżamm f'pożizzjoni inferjuri għar-raġel". Iddiskuti l-mod kif Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna* tipprova tegħleb din il-pożizzjoni inferjuri.

**JEW**

2. Fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea nsibu numru ta' poeżiji dwar it-tfal. Iddiskuti b'referenza għax-xogħlijiet li studjajt.

**(Total: 22 marka)**

## TAQSIMA D: Il-PROŻA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Adrian Grima jgħid li *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici "huwa ħarsa lejn is-soċjetà Maltija, ħarsa lejn il-knisja, lejn il-politika, imma l-iktar lejn il-komunità tal-bdiewa". Iddiskuti kemm ir-rumanz jirrifletti s-soċjetà Maltija ta' żmienu mill-aspetti msemmija.

**JEW**

2. Iddiskuti n-nuqqas ta' għeluq fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonniċi.

**(Total: 22 marka)**